MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Avviz Numru. 496/2003

**Victoria Mifsud**

**Vs**

**Joseph Galea**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jizgombra l-garage fi Sqaq Cilju, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar u dan stante li l-konvenut qed jokkupah bla ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta'kompetenza il-kera qed tkun dikjarata li tammonta ghal mitt lira (Lm100) fis-sena.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 9 tal-atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 11 tal-atti u n-nota tal-konvenuta a fol 12 ibid.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talba u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-20 ta' April 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex sat-28 ta' Mejju 2004 jizgombra mill-'garage' fi Sqaq San Gilju, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar okkupat mill-sitess konvenuta bla ebda titolu validu fil-ligi oltre l-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------